

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1650**tal-5 ta' Novembru 2018****li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 dwar l-entrati għall-Kanada, ir-Russja u l-Istati Uniti tal-Amerka fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati ċerti prodotti tat-tjur lejn l-Unjoni jew isir tranżitu minnha fir-rigward tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-frażi introduttorja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8, il-punt 4 tal-Artikolu 8, u l-Artikolu 9(4)(c) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 23(1), 24(2) u 25 tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ⁽³⁾ jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet fl-Unjoni u t-tranżitu minnha, inkluż il-ħżin waqt it-tranżitu, tat-tjur u l-prodotti tat-tjur (il-prodotti). Dan jistipula li daww il-prodotti biss jistgħu jiġu impurtati fl-Unjoni u jgħaddu minnha bi tranżitu, mill-pajjiżi terzi, mit-territorji, miż-żoni jew mill-kumpartimenti mniżżla fil-kolonna 1 u 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistipula li kunsinni tal-prodotti jistgħu jiġu impurtati biss fl-Unjoni u jgħaddu minnha bi tranżitu biss jekk jikkonformaw ma' ċerti kundizzjonijiet, inklużi l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-kolonna 6 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu, u fejn xieraq, id-"data tal-għeluq" u d-"data tal-ftuħ" stabbiliti fil-kolonna 6 A u 6B ta' dik it-tabella. Id-data tal-għeluq tindika d-data minn meta l-kunsinni tal-prodotti manifatturati f'pajjiżi terzi, territorju, żona jew kumpartiment li ma għadux awtorizzati għall-importazzjoni fl-Unjoni jew għat-tranżitu minnha, filwaqt li d-data tal-ftuħ tindika d-data minn meta kunsinni ta' prodotti manifatturati f'pajjiżi terzi, territorju, żona jew kumpartiment għal darba oħra huma awtorizzati għall-importazzjoni lejn l-Unjoni jew għat-tranżitu minnha.
- (3) L-entrati fil-kolonna 6 A u 6B jinżammu fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 biex ma jitħallew l-importazzjoni lejn l-Unjoni u t-tranżitu minnha tal-kunsinni tal-prodotti manifatturati f'żoni ristretti barra l-Unjoni matul il-perjodu meta l-importazzjoni lejn l-Unjoni u t-tranżitu minnha ta' kunsinni bħal dawn ma kinux awtorizzati skont ir-regoli stabbiliti f'dak ir-Regolament.
- (4) L-entrata għall-Kanada fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 tinkludi żoni ta' dak il-pajjiżiż terz li, wara l-konferma tal-HPAI, applikaw l-eliminazzjoni, it-tindif u d-diżinfettar, u ġew awtorizzati mill-ġdid l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u t-tranżitu minnha ta' ċerti prodotti tat-tjur b'data tal-ftuħ ta' aktar minn sentejn ilu. Għalhekk, l-entrata għall-Kanada jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (5) L-entrata għall-Istati Uniti fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 tinkludi żoni ta' dak il-pajjiżiż terz li, wara l-konferma tal-HPAI, applikaw l-eliminazzjoni, it-tindif u d-diżinfettar, u ġew awtorizzati mill-ġdid l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u t-tranżitu minnha ta' ċerti prodotti tat-tjur b'data tal-ftuħ ta' aktar minn sentejn ilu. Għalhekk, l-entrata għall-Istati Uniti jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet biex pajjiżiż terz, territorju, żona jew kumpartiment ikun jista' jitqies ħieles mill-HPAI.

⁽¹⁾ ĠUL 18, 23.1.2003, p. 11.⁽²⁾ ĠUL 343, 22.12.2009, p. 74.⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠUL 226, 23.8.2008, p. 1).

- (7) Ir-Russja hija elenkata fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 bħala pajjiż terz li għandu l-awtorizzazzjoni għat-territorju kollu tiegħu għal importazzjonijiet lejn l-Unjoni u t-tranżitu minnha ta' prodotti tat-tjur.
- (8) Fis-17 ta' Novembru 2016, ir-Russja kkonfermat il-preżenza tal-HPAI tas-sottotip H5N8 f'azjenda agrikola tat-tjur fit-territorju tagħha. Minn Novembru 2016, ir-Russja kkonfermat diversi tifqigħat tal-HPAI f'azjendi tat-tjur fit-territorju tagħha. Minħabba dawk it-tifqigħat li ġew ikkonfermati minn Novembru 2016, ir-Russja ma tistax titqies bħala ħielsa minn dik il-marda u l-awtoritajiet veterinarji tar-Russja mhumiex f'pożizzjoni li jiċċertifikaw kunsinni ta' laħam tat-tjur għall-konsum uman maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni jew għat-tranżitu minnha.
- (9) L-awtoritajiet veterinarji tar-Russja bagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni preliminari dwar it-tifqigħat tal-HPAI u kkonfermaw li mis-17 ta' Novembru 2016, huma kienu ssuspendew il-ħruġ taċ-ċertifikati veterinarji għall-kunsinni ta' laħam tat-tjur għall-konsum uman maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni jew għat-tranżitu minnha.
- (10) Għalhekk, ebda kunsinna ta' dawn il-prodotti oriġinarji mir-Russja ma ġiet introdotta fl-Unjoni minn dik id-data 'l hawn. Għal raġunijiet ta' ċarezza u ċertezza legali, huwa xieraq li tiġi ddokumentata din is-sitwazzjoni u tiġi introdotta d-data tal-għeluq rilevanti fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008. Dan jiżgura wkoll li meta r-Russja terġa' teħles mill-HPAI u tiġi stabbilita data tal-ftuħ, il-kunsinni ta' dawn il-prodotti manifatturati wara d-data tal-għeluq u qabel dik id-data tal-ftuħ ma jkunux eliġibbli għall-introduzzjoni fl-Unjoni.
- (11) Għalhekk jenħtieġ li l-entrata għar-Russja fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 tiġi emendata biex tqis il-qagħda epidemjoloġika f'dak il-pajjiż terz sa minn Novembru 2016 u tindika d-data tal-għeluq li minnha dak il-pajjiż terz ma jistax jitqies bħala ħieles mill-HPAI.
- (12) Għaldaqstant, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 hija emendata skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Il-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 hija emendata kif ġej:

(1) l-entrata għall-Kanada hija sostitwita b'dan li ġej:

Kodiċi ISO u isem tal-pajjiż terz jew territorju	Kodiċi tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, territorju, żona jew tkumpartiment	Ċertifikat veterinarju		Kondizzjonijiet speċifiċi	Kondizzjonijiet speċifiċi		Stejtus ta' sorveljanza tal-influenza tat-tjur	Stejtus tat-tilqim tal-influenza tat-tjur	Stejtus tal-kontroll tas-Salmonella (e)
			Mudell(i)	Garanzji addizzjonali		Data tal-għeluq (1)	Data tal-ftuħ (2)			
1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
"CA – Il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
	CA-1	Il-pajjiż kollu tal-Kanada minbarra ż-żona CA-2	WGM	VIII						
			BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20		N			A		S1, ST1"
			POU, RAT		N					
CA-2	It-territorju tal-Kanada li jikkorrispondi għal: ebda									

(2) l-entrata għar-Russja hija sostitwita b'dan li ġej:

Kodiċi ISO u isem tal-pajjiż terz jew territorju	Kodiċi tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, territorju, żona jew tkumpartiment	Ċertifikat veterinarju		Kondizzjonijiet speċifiċi	Kondizzjonijiet speċifiċi		Stejtus ta' sorveljanza tal-influenza tat-tjur	Stejtus tat-tilqim tal-influenza tat-tjur	Stejtus tal-kontroll tas-Salmonella (e)
			Mudell(i)	Garanzji addizzjonali		Data tal-għeluq (1)	Data tal-ftuħ (2)			
1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
"RU – Ir-Russja	RU-0	Il-pajjiż kollu	EP, E							S4"
			POU		P2	17.11.2016				

(3) l-entrata għall-Istati Uniti hija sostitwita b'dan li ġej:

Kodiċi ISO u isem tal-pajjiż terz jew territorju	Kodiċi tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, territorju, żona jew tkumpartiment	Ċertifikat veterinarju		Kondizzjonijiet speċifiċi	Kondizzjonijiet speċifiċi		Stejtus ta' sorveljanza tal-influenza tat-tjur	Stejtus tat-tilqim tal-influenza tat-tjur	Stejtus tal-kontroll tas-Salmonella (6)	
			Mudell(i)	Garanzji addizzjonali		Data tal-għeluq (1)	Data tal-ftuħ (2)				
1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9	
"US – L-Istati Uniti tal-Amerka	US-0	Il-pajjiż kollu	SPF								
			EP, E							S4	
	US-1	Il-pajjiż kollu tal-Istati Uniti, minbarra ż-żona US-2	WGM	VIII							
			POU, RAT		N						
			BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20					A		S3, ST1	
	US-2	It-territorju tal-Istati Uniti li jikkorrispondi għal:									
	US-2.1	L-Istat ta' Tennessee: Il-Kontea ta' Lincoln Il-Kontea ta' Franklin Il-Kontea ta' Moore	WGM	VIII	P2	4.3.2017	11.8.2017				
			POU, RAT		N						
			BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20		P2			A		S3, ST1	
	US-2.2	L-Istat ta' Alabama: Il-Kontea ta' Madison Il-Kontea ta' Jackson	WGM	VIII	P2	4.3.2017	11.8.2017				
			POU, RAT		N						
			BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20		P2			A		S3, ST1"	